MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 212/2006

**Gafa` Saveway Ltd (15908)**

***Kontra***

**Dipartiment tal-Kuntratti, Dipartiment tas-Sahha u Jescer Cleaning Services Ltd (C32417)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf prezentat fil-15 ta’ Marzu 2006 li jaqra hekk –

*1. Premess illi s-socjeta’ attrici pprezentat tender sabiex tigi moghtija xogholijiet f’numru ta’ health centres u senjatament dawk ta’ Hal-Qormi, Rabat, Paola, Cospicua, Mosta u Birkirkara. Illi dina s-sejha taqa’ taht il-konvenut Dipartiment tas-Sahha. Illi t-tenders in kwistjoni kienu dawk DH 1579/05, 1580/05, 1582/05, 1583/05, 1584/05 u 1587/05.*

*2. Premess illi l-imsemmija tenders gew assenmjati lis-socjeta' konvenuta Jescer Cleaning Services Limited, u dana minkejja illi s-socjeta' attrici kellha l-ahjar offerta kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tax-xhieda. Illi mhux biss izda l-offerta tas-socjeta' konvenuta Jescer Cleaning Services Limited lanqas biss tirrispekkja obbligi li jaqghu taht il-ligi tas-Sigurta` Socjali u dana sabiex jissemma punt wiehed biss, fost diversi ohrajn, dwar il-ghaliex it-tenders kellhom fil-fatt jigu offerti lis-socjeta` attrici.*

*3. Premess illi l-konvenuti minkejja li interpellati anke bi protest gudizzjarju baqghu inadempjenti.*

*Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hi mehtiega skond il-ligi*

*1. Tiddikjara li l-process tat-tenders Numri DH 1579/05, 1580/05, 1582/05, 1583/05, 1584/05 u 1587/05 kien ivvizzjat u l-offerti msemmija ma nghatawx lill-ahjar offerent skond il-kriterji stabbiliti fl-istess tender.*

*2. Tiddikjara nulla kull letters of acceptances of tenders mahruga mill-konvenut Dipartiment tas-Sahha u Dipartiment tal-Kuntratti u lis-socjeta' konvenuta l-ohra.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti Dipartiment tas-Sahha u Dipartiment tal-Kuntratti sabiex fi zmien qasir u perentorju jergghu johorgu mill-gdid it-tenders ghall-provvista ta' servizz ta' tindif fil-health centres imsemmija fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha.*

*4. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba l-agir illegali u abbusiv taghhom.*

*5. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.*

*6. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici.

**Rat** ir-risposta mahlufa tal-konvenuta Jescer Cleaning Services Ltd prezentata fis-26 ta' April 2006 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-isem tas-socjeta' attrici ma jikkorrispondix ghal ebda isem ta' socjeta' registrata mar-Registratur tas-Socjetajiet filwaqt illi n-numru ta' registrazzjoni ta' l-allegata socjeta' attrici, cioe' dak indikat bhala "C-1590" huwa ta' kumpannija bl-isem ta' Limwood Ltd li llum il-gurnata tinsab fi stat ta' stralc.*

*2. Illi dejjem in linea preliminari is-socjeta' konvenuta Jescer Cleaning Services Ltd mhijiex il-legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri stante illi m'hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ma setghetx wara d-decizjoni tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti datata 11 ta' Jannar 2006 (DOK JC1) tipproponi l-azzjoni odjerna u dan stante l-fatt illi a tenur ta' Regolament 20(6) tal-Public Contracts Regulations (DOK JC2) anness ma' kull dokument tat-Tenders riferuti ghalihom mis-socjeta' attrici fir-rikors taghha, id-decizjoni tal-imsemmi Kumitat Generali tal-Kuntratti kienet wahda finali li rabtet lis-socjeta' attrici milli toggezzjona bi kwalunkwe mod iehor.*

*4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti mar-risposta taghha.

**Rat** ir-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern u tad-Direttur Generali tal-Kuntratti prezentata fis-27 ta' April 2006 li taqra hekk –

*Illi preliminarjament ir-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment tas-Sahha hija ai termini tal-Art.181B tal-Kap.12 fdata f'idejn il-Kap tad-Dipartiment cioe' it-Tabib Principali tal-Gvern.*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, kuntrarju ghal dak allegat mill-kumpannija rikorrenti, it-tenders imsemmija gew assenjati lill-kumpannija li kellha l-offerta l-aktar vantaggjuza.*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-process ta' l-ghazla ta' l-offerti kien wiehed trasparenti u bl-ebda mod ivvizzjat kif allegat mir-rikorrent.*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ilment imressaq mis-socjeta' rikorrenti gia gie ikkonsidrat u michud mill-Kumitat Generali tal-Kuntratti, liema decizjoni skond ir-Regolament 20 ta' L.N. 177/05 hija finali.*

*Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess id-decizjoni ghandhiex tohrog jew le sejha ghal offerti ghal tindif hija decizjoni amministrattiva u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tintalab illi tordna lil amministrattiv sabiex jiehu tali decizjoni aktar u aktar meta tali decizjoni gia ittiehdet u gia kien hemm l-ghazlaa ta' offerta vantaggjuza.*

*Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess huwa ma hux responsabbli ghad-dsanni pretizi stante illi l-agir tieghu bl-ebda mod ma kien illegali u abbusiv.*

**Rat** id-dikjarazzjoni bil-gurament tat-Tabib Principali tal-Gvern u tad-Direttur Generali tal-Kuntratti u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghti fit-12 ta' Mejju 2006 (fol 21) fejn akkordat it-talba tal-kumpannija attrici sabiex in-numru tar-registrazzjoni tal-kumpannija konvenuta Jescer Cleaning Services Ltd isir *C15908* flok dak indikat fir-rikors mahluf kif promoss.

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta' Gunju 2006 (fol 29) fejn akkordat it-talba tal-kumpannija attrici ghall-korrezzjoni tal-isem tal-istess kumpannija attrici sabiex jigi jaqra *Gafa` Saveway Ltd* minflok kif indikat fir-rikors mahluf.

**Qieset** il-provi tal-partijiet.

**Semghet** is-sottomissjonijiet bil-fomm li tressqu fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2010 li kienet prefissa ghal dak l-iskop.

**Rat** id-digriet moghti f'dik l-udjenza fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum in difett ta' ostakolu.

**Rat** li ma jirrizulta l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

**Ikkunsidrat –**

**<u>Kwadru tal-Provi Saljenti</u>**

Fl-affidavit tieghu (fol 39 et seq) **<u>Dominic Gafa`</u>**, direttur tal-kumpannija attrici (minn issa 'l quddiem tissejjah "Saveway"), xehed li l-kumpannija attrici ppartecipat fis-sejhiet ghall-offerti in kwistjoni u kkwotat il-prezzijiet taghha. Il-prezzijiet taghha kienu mahduma fis-siegha u skond l-esigenzi tax-xoghol. Kienu kemmxejn oghla minn dawk ikkwotati mill-kumpannija konvenuta (minn issa 'l quddiem tissejjah "Jescer") bl-orhos prezz kwotat taghha ikun dak ta' Lm 1.79c fis-siegha fil-kaz tal-Qormi Health Centre u l-oghla wiehed ikun ta` Lm 1.95c fis-siegha fil-

kaz tal-Health Centre ta' Bormla. Jescer ikkwotat prezz wiehed ta' Lm 1.54c4 fis-siegha u rebhet it-tenders hi minkejja li d-diversi health centres ghandhom bzonnijiet differenti kemm bhala numru ta' haddiema kif ukoll bhala sighat ta' xoghol. Skond ix-xhud, dak ifisser li min iddecieda favur Jescer agixxa b'mod abbusiv u fuq konsiderazzjonijiet qarrieqa. Fiz-zmien in kwistjoni il-paga minima nazzjonali kienet ta' Lm 1.69c8 fis-siegha. Li jfisser li bir-rata li kkwotat Jescer mhux se tkopri l-paga minima tal-haddiema. Li allura jfisser li Jescer ser tahdem bit-telf u dan ma jaghmilx sens. Ghalkemm Saveway ilmentat mad-Direttur tal-Kuntratti, dan ma laqax l-ilment. L-unika riserva li saret kienet din – *However the Health Department should ensure that Jescer Cleaning Services Limited should give the full number of hours of cleaning services requested by each Health Centre in the tender documents* (DOK B – fol 42-43). Min-naha taghha, Saveway tghid li kellha tinghata t-tenders hi ghaliex ghandha esperjenza twila f'dan ix-xoghol, tiehu hsieb dipartimenti ohra ferm akbar, ghandha reputazzjoni tajba fis-settur, u fil-verita` l-prezz taghha kien l-orhos.

Tressaq l-affidavit ta' l-Accountant u Awditur Pubbliku **Joseph Sammut** (fol 47), li huwa l-konsulent finanzjarju ta' Saveway. Dwar it-*tenders* in kwistjoni, kien konsultat minn Saveway dwar dwar il-prezzijiet li kienet ser tissottometti. Il-prezzijiet taghha kienu jirriflettu l-ispiza ta' siegha xoghol skond il-ligi, l-ispiza tal-materjal, l-ispejjez amministrattivi, il-profitt u l-VAT. Min rebah it-*tenders* ikkwota prezz li kien anqas mir-rata minima ta' hlas ghal siegha xoghol lill-haddiema skond il-ligi. Skond ix-xhud, biex isir dan, dak kien se jaghmel xoghol *below cost* u allura jopera sistema ta' *social dumping* fejn jimpjega nies li jithallsu anqas mir-rata stabbilita mil-ligi u allura abbusivament. Ladarba l-offerta kienet *below cost* kellha tkun skwalifikata mill-ewwel.

Xehed ukoll **Antoine Grech** mid-Dipartiment tax-Xoghol li esebixxa kopji ta' xi Avvizi Legali li jirregolaw il-hlas tal-haddiema mpjegati, kif ukoll il-*Wage Regulation Order* ghas-settur tal-*Private Cleaning Services*.

**Joseph Church**, Direttur Generali fil-Ministeru tas-Sigurta`, xehed li l-offerta ta' Jescer ma kenitx inqas mill-paga minima.

**Felicia sive` Phyllis Mercieca** mid-Dipartiment tas-Sahha esebiet ic-cedoli ta` offerti relattivi ghall-kaz in kwistjoni. L-aktar offerta vantaggjuza kienet ta' Jescer. Ir-rata kkwotata minn din il-kumpannija kienet konformi mal-paga minima nazzjonali.

**Francis Attard**, Direttur Generali tal-Kuntratti, xehed li wara li l-kuntratti nghataw lil Jescer, Saveway ressqet ilment quddiem il-Kumitat Generali tal-Kuntratti skond ir-Reg.20 tal-Avviz Legali 177 tal-2005. L-ilment taghha kien michud (DOK FA1). Skond il-ligi, id-decizjoni hija finali u torbot lill-awtorita` kontraenti u lill-operatur li ma jistax jressaq oggezzjoni mod iehor.

**Ikkunsidrat –**

**L-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta Jescer Cleaning Services Ltd**

**L-ewwel eccezzjoni preliminari** kienet tirrigwarda l-isem tal-kumpannija attrici u n-numru tar-registrazzjoni taghha li ma kienux indikati korrettement. Fil-fatt hekk kien tant li quddiem din il-Qorti diversament presjeduta il-kumpannija attrici talbet il-korrezzjonijiet opportuni li kienu akkordati.

**Ghalhekk, in vista' ta` dan, ma kienx hemm aktar insistenza fuq din l-eccezzjoni**.

**It-tieni eccezzjoni preliminari** hija fis-sens li Jescer mhix il-legittima kontradittur ta' Saveway ghaliex m'ghandhiex relazzjoni guridika maghha. B'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema, persuna tippretendi li ghandha dritt tobbliga persuna ohra li tissoddisfa obbligazzjoni fil-konfront taghha. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm "*di dare*" jew "*di fare*" jew "*di non fare*". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f`sens strett inkella jista' jkun jkollu wkoll ta' dimensjoni aktar wiesgha.

Meqjusa l-premessi attrici, huwa manifest li Saveway qed tittenta tattakka l-ghoti tat-tenders lil Jescer. Tant dan huwa hekk li l-ewwel tliet talbiet jittrattaw din il-kwistjoni. L-aggudikazzjoni certament ma kenitx kompitu ta` Jescer. Se mai tal-konvenuti l-ohra. Jescer kienet biss kompetitur ta' Saveway u din tal-ahhar tallega li l-offerta kien messha kienet rifjutata. Mela certament fl-ewwel tliet talbiet Jescer ma tistax titqies li kienet il-legittima kontradittur ta` Saveway. Fir-rigward tal-ahhar tliet talbiet, din il-Qorti tosserva li l-premessi huma distakkati mit-talbiet. Fil-premessi nfatti ma jirrizultax li Saveway tallega li garrbet danni. Eppure ressqet l-ahhar tliet talbiet taghha sabiex titlob risarciment ta` danni. Din il-Qorti tghid li in kwantu ghat-talbiet dwar id-danni, f`dan il-prociediment, Jescer ma tistax tkun il-legittima kontradittur ta` Saveway, ghar-raguni li l-ghoti tat-tender kien jispetta lil haddiehor mhux lil Jescer. Fil-kaz ta' Jescer, Saveway naqset li tidentifika liema ghamla ta' danni kienet qed tirreklama fl-azzjoni taghha.

**<u>Ghalhekk hija fondata din l-eccezzjoni</u>**.

**Ikkunsidrat –**

**<u>L-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti l-ohra</u>**

Jirrizulta li Saveway ipprezentat il-kawza wkoll kontra d-Dipartiment tal-Kuntratti u d-Dipartiment tas-Sahha. Skond il-konvenuti, dan huwa hazin ghax kellu jkun osservat l-Art.181B tal-Kap.12.

L-ewwel parti tal-**<u>Art.181B(1) tal-Kap.12</u>** taqra hekk –

*Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.*

**<u>L-Art.181(2) tal-Kap.12</u>** ikompli hekk -

*L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma*

*jkunux jistghu jigi diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*

Dawn id-disposizzjonijiet huma cari.
Daqstant iehor kienet cara Saveway fl-impostazzjoni tal-azzjoni taghha u cioe` riedet tharrek lid-Dipartiment tal-Kuntratti u lid-Dipartiment tas-Sahha.

Fejn jirrizulta (bhal fil-kaz tal-lum) li hemm kap ta' dipartiment tal-Gvern inkarigat mill-materja, l-uniku obbligu ta` Saveway kien li jinnotifika wkoll (mhux li jharrek) lill-Avukat Generali bir-rikors mahluf ghall-fini tal-Art.181(3) tal-Kap.12. Lanqas dan ma jidher li sar fil-kaz tal-lum.

Saveway kienet fl-obbligu tassattivament impost mil-ligi stess li tharrek mhux lid-Dipartimenti nnfushom, bhallikieku kellhom xi personalita` guridika taghhom, li certament m'ghandhomx, izda lill-kap tad-dipartiment.

Din il-Qorti trid tghid li l-konvenuti mxew b'lealta` lejn il-kumpannija attrici ghax kif jirrizulta a fol 16 huma ndikaw bic-car min kienu l-kapijiet ta' dipartiment koncernati. Eppure Saveway ma hadet l-ebda passi sabiex tirrettifika l-izball taghha, mank talbet korrezzjoni tal-atti.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis bhala fondata fid-dritt din l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat –**

Ghalkemm diga` pprovdiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, din il-Qorti sejra xorta wahda tqis l-eccezzjoni ta' natura legali li ressqu l-konvenuti kollha abbazi tar-Reg.20 tal-A,L.177 tal-2005, u dan qeghda taghmlu ghall-fini ta' kompletezza.

Mhux kontestat li wara li kienu aggudikati s-sejhiet ghall-offerti in kwistjoni, Saveway ressqet ilment lill-Kumitat Generali tal-Kuntratti skond il-procedura li jahseb ghaliha

r-Reg.20 tal-A.L. 177 tal-2005. Jirrizulta li l-partijiet interessati, inkluza Saveway, ressqu s-sottomissjonijiet taghhom u l-Kumitat iddecieda kontra l-ilment tal-kumpannija attrici.

Is-subinciz (6) tar-Reg.20 jaqra hekk –

*... Id-decizjoni tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti ghandha tkun wahda finali u li torbot lill-awtorità kontraenti u lill-operatur ekonomiku interessat li ma ghandu jinghata ebda mod iehor ta' oggezzjoni.*

Huwa manifest mill-impostazzjoni tal-istanza attrici li dak li trid tottjeni l-kumpannija attrici b`din il-kawza huwa li tittratta l-kwistjoni *ex novo* quddiem din il-Qorti u tkun hi mbaghad li tiddeciedi. Pero` dak pretiz mill-kumpannija attrici fit-termini tal-istanza taghha din il-Qorti hija prekluza milli taghmlu skond ir-Reg.70(6) tal-A.L.177 tal-2005 billi d-decizjoni tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti hija finali. Tghid ukoll ghall-fini ta' aktar kjarezza li l-istanza attrici evidentement mhijiex msejsa fuq l-Art.469A tal-Kap.12 u ghaldaqstant ladarba l-Kumitat Generali tal-Kuntratti ddecieda skond il-ligi u d-decizjoni tieghu ma gietx kontestata skond kif jipprovdi l-Art.469A tal-Kap.12, dik id-decizjoni mhix sindakabbli minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat -**

Riaffermat il-premess, din il-Qorti tghid ukoll unikament ghall-fini ta' kompletezza li lanqas fil-mertu ma tista` tirnexxi l-istanza attrici. Il-process ta' *tendering* fir-realta` jirriduci ruhu ghall-ghazla tal-offerta l-aktar vantagguza kollox konsiderat nkluz l-kwalita` tas-servizz, apparti l-prezz. Naturalment, accertata *a level playfield,* hadd minn dawk li jitfghu l-offerta ma jgawdi certezza jew dritt illi l-offerta tieghu sejra tintghazel.

Dan kwalifikat u premess, din il-Qorti tghid li, abbazi tal-provi akkwiziti, il-kawzali li fuqha s-socjeta` attrici bbazat l-istanza taghha u cioe` li l-prezz kkwotat minn Jescer huwa inqas mill-paga minima ma tirrizultax pruvata.

Mid-dokumenti esebiti, l-uniku wiehed rilevanti ghall-fini ta' prova huwa DOK JC1 a fol 10 et seq li kien l-istess dokument esebit bhala DOK FA1 a fol 108 et seq. F`dan id-dokument, tirrizulta t-trattazzjoni li saret mill-partijiet fl-appell li sar minn Saveway. L-argumenti li gabet ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti fil-kawza tal-lum kienu sostanzjalment l-istess ghal dawk li saru quddiem il-General Contracts Comittee. Dan tal-ahhar cahad l-appell tas-socjeta' rikorrenti izda rrakkomanda lid-Dipartiment tas-Sahha sabiex jassikura li Jescer *should give the full number of hours of cleaning services requested by each Health Centre in the tender documents.* Irid jinghad u dan bl-aktar mod car li fid-decizjoni tieghu l-General Contracts Committee b'ebda mod ma qal li l-ahjar offerta kienet dik ta` Saveway, lanqas ma skarta l-offerta ta` Jescer u lanqas ma rrakkomanda li l-offerta tinghata lil Saveway.

Mis-sena ndikata fuq kull tender, jidher li s-sejha ghall-offerti harget fl-2005. Skond l-A.L. 506 tal-2004, b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, l-inqas paga nazzjonali fil-gimgha ghal gimgha normali ta` xoghol ghal persuni ta` 18-il sena u fuqhom kienet ta' Lm 55.63c (€129.58). Mifruxa fuq gimgha normali ta' erbghin (40) siegha, l-inqas hlas kull siegha kien ta` Lm 1.39c (€3.24). Jidher ukoll li t-tenders kellhom ikunu operattivi fl-2006. Skond l-A.L. 412 tal-2005, b'effett mill-1 ta' Jannar 2006, l-inqas paga nazzjonali fil-gimgha ghal gimgha normali ta` xoghol ghal persuni ta` 18-il sena u fuqhom kienet ta' Lm 57.88c (€134.82). Mifruxa fuq gimgha normali ta' erbghin (40) siegha, l-inqas hlas kull siegha kien ta` Lm 1.44c7 (€3.37). Mela kemm jekk tiehu bhala *benchmark* il-figuri ghas-sena 2005 jew jekk tadotta l-figuri ghas-sena 2006, il-prezz ikkwotat minn Jescer ma kienx aktar baxx mill-inqas paga nazzjonali. Mill-atti ma jirrizulta xejn dwar jekk kienux se jigu mpjegati haddiema *part-time*. *In ogni caso* fil-kaz taghhom l-inqas paga nazzjonali tigi kalkolata *pro rata* fis-siegha li ma tkunx anqas mill-inqas paga nazzjonali *standard* li tkun tapplika.

Fiz-zewg Avvizi Legali citati minn din il-Qorti, hemm l-Artikolu 4 li jaqra hekk –

*Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika ghal xi imjegat, il-pagi li jithallsu lil dak l-impjegat m'ghandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti minn dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi, aggustat ghall-gholi tal-hajja b'zidiet successivi ta' pagi dikjarati bhala generalment applikabbli ghall-impjegati whole time kollha skond l-Artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'zidiet fil-pagi successivi ghal-gholi tal-hajja stabbiliti b'xi Ordni ta' Standard Nazzjonali.*

Applikabbli ghall-kaz tal-lum, hemm l-<u>A.L.15 tal-2001.</u> Kien emendat bl-A.L.427 tal-2007 bhala effett tal-adozzjoni ta' l-Ewro bhala l-munita tal-pajjiz. Is-sostanza tal-provvedimenti tal-A.L. 15 tal-2001 baqghet intatta. Dan l-Avviz Legali huwa msejjah l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ghas-settur li jipprovdi servizzi ta' tindif. Skond l-Artikolu 4(1), l-inqas paga fil-gimgha ghal impjegati "*whole time*" ghanda tkun ta' €116.19 ghal persuni ta' tmintax-il sena 'l fuq. Ghal haddiema *part-time* jipprovdi l-Artikolu 5 fis-sens li dawn ghandhom jithallsu *pro rata* b'rata fis-siegha ta' mhux anqas minn dik applikabbli ghal impjegati *whole time* jigifieri r-rata xierqa fil-gimgha li tidher fl-Artikolu 4 diviza b'erbghin (40) siegha ghax il-gimgha bazi lavorattiva hija ta' erbghin (40) siegha. Il-figura bazi ta' €116.19 fil-gimgha kienet applikabbli ghas-sena 2001. Ghalhekk sabiex tigi stabbilita l-paga minima ta' mpjegati fis-settur li jipprovdi servizzi ta' tindif ghas-snin 2005 u 2006, irid isir aggustament jew zidiet ghall-gholi tal-hajja skond l-avvizi legali applikabbli ghas-snin 2002 sa 2006. Din hija skeda ta' kif zdiedet il-paga minima fis-settur in kwistjoni -

| | |
|---|---|
| 2001 | €116.19 |
| 2002 | €119.68 |
| 2003 | €123.76 |
| 2004 | €125.51 |
| 2005 | €129.59 |
| 2006 | €134.83 |

Ghalhekk il-paga minima fis-settur in kwistjoni hija l-istess bhal dik minima in generali. Skond din l-iskeda, il-bazi tal-

kaz kif impostat minn Saveway ma tregix mal-konteggi stabbiliti mil-ligi.

Din il-Qorti hija sodisfatta li l-Kumitat Generali tal-Kuntratti mexa sewwa u tajjeb mar-Reg.28 ta’ r-Regolamenti tal-2005 dwar Kuntratti Pubblici (A.L.177/2005).

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-kumpannija konvenuta Jescer Cleaning Services Limited, tilqa` l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-konvenuti, u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-kumpannija attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------